# Il-Mixgħela bl-Aċitelena... Ftit ta' l-Istorja

Kitba ta' Guido Lanfranco

Hawn mhux se nidħlu fl-istudju tal-kimika imma, biex nibdew, ngħidu biss li l-aċitelena huwa gass li kien identifikat l-ewwel darba fl-1836 minn xjenzat Ingliż Edmund Davey (1785-1857). Dan il-gass għadu jiġi użat fi żmienna kombinat mal-gass ta' l-ossiġenu biex jipprovdi fjamma li tant taħraq li jużawha biex jaqtgħu u jiwweldjaw il-ħadid u l-azzar. Minbarra hekk jużawh ukoll fil-produzzjoni tal-*vinyl plastic* u lastku sintetiku. L-ewwel użu prattiku tal-gass ta' l-aċitelena kien biex jagħti d-dawl, għax meta jaqbad jifforma fjamma mill-aktar bajdanija u tlellex. Għalhekk meta dan il-gass ġie stabbilit sewwa, inħadmu diversi għamliet ta' fanali u lampi li jixgħelu bih, u nsibu minnhom li kienu jużawhom fuq karrozzelli, l-ewwel karrozzi, muturi u roti, u fanali li jinġarru jew jiddendlu mal-ħitan jew mas-siġar. Għadd ġmielu ta' djar u knejjes kienu mdawwlin b'dan il-gass bi brazzi apposta.

Meta daħal id-dawl elettriku l-gass ta' l-aċitelena ma nqatgħax għal kollox, imma baqa' jintuża għal xi snin, għax l-elettriku ma kienx laħaq kullimkien f'daqqa waħda, imma beda mill-inħawi tal-Belt u l-Furjana u kompla ftit ftit jinfirex saż-żmien tat-tieni gwerra dinjija. Sas-snin ħamsin tas-seklu għoxrin konna naraw fanali ta' l-aċitelena mal-karrettuni u l-bankijiet u tilari tal-bejjiegħa tal-ħelu, mqaret, qubbajt u oħrajn li kienu jinġabru kullimkien kull fejn kienet issir xi festa. Konna naraw fanali oħra jixgħelu b'dan il-gass jinġarru fuq lasta fil-għoli biex jakkumpanjaw il-marċijiet biex id-daqqaqa jkunu jistgħu jaqraw il-mużika tagħhom meta jbatti d-dawl tax-xemx. Kien hemm ukoll diversi vari tal-Ġimgħa l-Kbira li l-fanali tagħhom kienu jixgħelu bl-aċitelena b-arranġament apposta taħt il-bradella.

## L-Aħħar Nofs tas-Seklu Dsatax

F'dan in-nofs seklu fl-Ewropa kien hemm taqliba sħiħa aktar magħrufa bħala rivoluzzjoni ndustrijali li fiħa żviluppaw diversi skoperti xjentifiċi li taw spinta kbira lill-industrija. Fost affarijiet oħra pperfezzjonaw l-użu ta' diversi żjut jew pitrolju u petrol, elettriku, gass tal-faħam u ta' l-aċitelena, kollha jipprovdu enerġija li qabel kienet tiġi biss minn idejn il-ħaddiema jew bl-involviment tal-bhejjem. L-elettriku beda f'Malta fl-aħħar snin tas-seklu dsatax u, kif rajna, beda jinfirex bil-mod. F'nofs dak is-seklu ġie ntrodott il-gass tal-faħam magħruf bħala *town gas* maħdum ċ-ċentri stallati fil-Marsa u l-Kalkara. L-ewwel użu tat-*town gas* għad-dawl beda fil-Belt b'xi 400 fanal u xi 240 oħra madwar Marsamxett. Permezz ta' pajpijiet taċ-ċomb dan il-gass tal-faħam kien jasal fid-djar għad-dawl, tisjir u xogħol ieħor; dan kien baqa' jintuża sakemm dik is-sistema bil-pajpijiet spiċċat fl-1952 u bdiet oħra biċ-ċilindri. Sadattant il-pitrolju kien ukoll jintuża għat-tisjir u għall-lampi. Minn dawn is-sorsi ta' enerġija l-gass ta' l-aċitelena kien jintuża fid-djar għad-dawl biss u mhux biex isajru bih bħal gass tal-faħam. Waqt li s-seklu dsatax qaleb għall-għoxrin bl-elettriku, gass tal-faħam u gass ta' l-aċitelena, kien għad hemm l-użu tal-faħam u tal-ħatab f'ħafna postijiet.

## Il-Lampi ta' l-Aċitelena



*Fanal ta' l-aċitelena għar-roti u għall-muturi (ritratt mill-awtur)*

Filwaqt li għall-elettriku jkun hemm bżonn ta' ċentru mbiegħed ta' ġeneraturi u t-*town gas* kien irid jitwassal mil-bogħod bil-pajpijiet, il-gass ta' l-aċitelena jista, jsir fuq il-post. Il-lampi ta' l-aċitelena jkollhom il-mezzi fihom stess biex jipprovdu l-gass u d-djar u l-knejjes kien ikollhom ġeneratur apposta mal-bini bħalma aħna jkollna ċ-ċilindri tal-gass ma' djarna. Il-lampi jew fanali li jridu jittieħedu minn post għall-ieħor kienu jipproduċu l-gass huma stess.

Il-gass fil-fanal jew lampa li trid tinġarr minn post għall-ieħor kien isir kif se nispjega. Mingħand il-*hardware stores* jew postijiet oħra konna nixtru l-hekk imsejjaħ faħam abjad jew faħam ta' l-aċitelena. Tabilħaqq aktar huwa ġebel u mhux faħam u fil-kimika nafuh bħala *calcium carbide*. Dan kien jitkisser biċċiet u jitqiegħed f'kompartiment t-isfel tal-fanal. Fuq dan il-komartiment ikun hemm ieħor biex fih timla l-ilma. Bejn it-tank ta' l-ilma u dak tal faħam abjad ikun hemm toqba ċkejkna li tista' tiġi kontrollata biex tiftaħ, tagħlaq, tnaqqas u żżid. Meta l-qtar ta' l-ilma regolati jinżlu fuq il-ġebel tal-*carbide* jibda ħiereġ il-gass imsejjaħ aċitelena. Dan jgħaddi minn pajp irqiq apposta li jwassal sal-bekk tal-fanal fejn tixegħlu bis-sulfarina jew bil-miċċa. Il-fanal ikollu riflettur fuq wara u ħġieġa-lenti quddiem. Biex titfi tagħlaq il-gass billi twaqqaf l-ilma milli jinżel fuq il-*carbide*.

Fil-karrozzi u għall vari tal-Ġimgħa l-Kbira ma kienx hemm bżonn ta' tankijiet jew kompartimenti ta' l-ilma u tal-*carbide* għal kull fanal imma kienu jagħmlu sett wieħed biss li minnu joħorġu pajpijiet irqaq li jwasslu l-gass għal kull lampa; imma kull lampa kien ikollha minn fejn titfiha jew tixgħelha separatament biex il-gass ma joħroġx addoċċ għax. bħal kull gass ieħor, kien jista' jkun ta' periklu. Fost oħrajn il-vari tal-Ġimħa l-Kbira ta' Ħal Qormi kienu jixgħeluhom bl-aċitelena u dawk Ta' Ġieżu l-Belt ukoll, u kienu xtraw 87 globu għalihom fl-aħħar snin tas-seklu dsatax.



*Fanal ta' l-aċitelena għal mas-siġar (ritratt mill-awtur)*

F'Ħaż-Żebbuġ, fl-1891, il-Każin San Filep ippjana palk għall-banda u kienu krew xi 750 misluta tal-kristall biex idendluhom madwar it-tubi tal-gass ta' l-aċitelena filwaqt li l-kumplament tal-mixgħela fit-toroq u mal-knisja kienet bit-tazzi taż-żejt. L-imsielet kienu jintużaw fid-djar u fis-swali, mhux biss mal-globi tal-gass tal-faħam u ta' l-aċitelena, imma wkollma' bosta lampi tal-pitrolju u tax-xema' biex jirriflettu d-dawl u tiqawwa u juri aktar.

## Fil-Knejjes u fid-Djar

Il-gass ta' l-aċitelena daħal f'ħafna djar tal-ibliet u l-irħula u diversi knejjes f'Malta u Għawdex kellhom jużawh ukoll għax, kif għedna qabel, l-elettriku dam ma wasal għandhom.



***Apparat ta' l-aċitelena għad-djar u l-knejjes, kif reklamat minn Giuseppe Pace Spadaro.***

M'għandniex xi ngħidu dawn mhux fanal wieħed kellhom bżonn, imma għadd ġmielu. Minħabba f'hekk kellhom jużaw ġeneratur apposta li jistallawh barra l-bini bħalma aħna nippreferu barra t-tankijiet tal-gass. Bħala eżempji ċkejkna nsemmu li l-knisja Ta' l-Abbandunati ta' Ħaż-Żebbuġ ukoll kienu jixgħeluha bi'dan il-gass u ma' l-altar maġġur għad hemm fejn kienu jeħlu l-brazzi. Fl-1904 il-parroċċa tal-Gargur illuminawha bl-aċitelena bis-saħħa ta' l-aħwa Camilleri. Fl-1915 il-knisja tal-Franġiskani f'Għajnsielem kellhom l-apparat ta' l-aċitelena b'donazzjoni ta' G. B. Busuttil u stallat b'xejn mill-inġinier S. Grima.

Kien hawn diversi individwi, kuntratturi jew ditti li kienu jistallaw l-apparat meħtieġ fid-djar u l-knejjes. Wieħed minn familja fil-Mosta kien qalli: "Konna nagħmlu l-aċitelena. Kienet tkun qisha borma isfel kbira u borma żgħira fuq. Ta' taħt tkun bil-faħam, u ta' fuq tkun bl-ilma mbagħad meta tiftħilha l-ilma joħroġ il-gass. Mbagħad ikollu erba' bekkijiet jew tnejn, jew tlieta, kemm trid, u jiġi qisu gass, bħal meta tixgħel il-gass. Faħam ta' l-aċitelena konna ngħidulu. Il-Mosta d-dawl kien għadu ma ġiex, allura kulħadd bihom kien. Meta ġie d-dawl missieri ma ħax pjaċir, hux! L-apparat konna nagħmluh aħna . . . Kien jagħmlu missieri. Kien jagħmilhom għall-ħwienet. Kien jagħmel il-kbar ukoll. Darba kien għamel għall-Minsija . . . Xegħel il-knisja kollha. Għamel tankijiet kbar tal-45 u bl-ilma tiela' u nieżel, u xegħel il-knisja kollha bihom."

Fost il-kuntrtatturi oħra kien hemm Giuseppe Pace Spadaro li kellu ħwienet jew *outlets* f'Ħaż-Żabbar, Bormla, Ħaż-Żebbuġ u uffiċċju l-Belt, li kien jimporta l-faħam ta' l-aċitelena u jistalla l-apparat meħtieġ. Dan l-apparat kien isejjaħlu *The Safety & Self-Acting Acetylene Machine*. Ieħor Amabile Agius fl-1906 irreklama apparat *The Agius Automatic Acetylene (Gas) Generator* armat għall-wiri u biex min irid jippruvaħ, fi Strada Brittannica l-Belt (issa Triq Melita).

Sakemm għalaq is-seklu għoxrin u beda l-wieħed u għoxrin eliminajna dak li mhux aktar prattikabbli għal żmienna u bqajna bil-gass taċ-ċilindru u bl-elettriku.